prin

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 993/2011**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Martin Marco Baldacchino**

Illum is-6 ta' Jannar 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq Martin Marco Baldacchino ta' 35 sena iben Nazzareno u Angela nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Ottubru 1975 u residenti Blokk B4, Flat 1 Triq in-Newl, Zebbug (Malta) detentur tal-karta tal-identita bin-numru 546975 (M) akkuzat talli:

Nhar l-24 ta' Awwissu 2011 ghall-habta ta' 3:00 ta' wara nofs in-nhar gewwa Hal Qormi, volontarjament ta' in-nar lil bini, gharix, jew lok iehor, jew volontarjament ta in-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lk iehor, jew dan il-materjal, kien qieghed b'mod li jista' iqabbad il-hruq lil bini

iehor, gharix, jew lok iehor fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hem xi persuna;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli permezz tal-hruq u cioe' hsara fuq il-bieb u l-faccata tar-residenza no. 24 'Xalun', Triq il-Kbira, Hal Qormi, liema hsara teccedi €1,164.69 ewro, ghad-dannu ta' Saviour Falzon u/jew persuni ohra;

akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provvediment ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dott. Antonio Giovanni Vella LL.D. datata 9 ta' Gunju 2011, liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif diversament presjeduta permess ta' digriet ta' assenjazzjoni skond l-artikolu 11(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli u l-artikolu 520(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Prim' Imhallef Dr. Mark Chetcuti.

Rat li din il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, sede superjuri in segwitu ta' l-Att t'Akkuza numru 18/2012, Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Marco Baldacchino nhar is-26 ta' Mejju 2021.

Rat illi f'parti minn din is-sentenza, il-Qorti ordnat illi fit-termini tal-artikolu 7 u l-artikolu 23(1)(b) tal-Att dwar il-Probation tordna li l-hati Martin Marco Baldacchino jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali biex jigi gudikat fuq il-fatt tal-ksur ta' l-Ordni ta' Probation mahrug kontra tieghu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tad-9 ta' Gunju, 2011.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghal din l-imputazzjoni dedotta kontrieh, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-istess udjenza.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz instema limitatament ghar-rigward it-tielet akkuza li tikkoncerna ksur ta' Ordni ta' Probation li nghatatlu permezz ta' sentenza il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Martin Malcolm Baldacchino nhar id-9 ta' Gunju 2011 mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Anthony Vella.

Illi kopja ta' din is-sentenza tinsab ezebita fl-atti.[1] Minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn u li l-imputazzjonijiet mertu ta' din il-procedura u tal-Att ta' Akkuza numru 18/2012 jirreferu ghal Awissu 2011 u ghalhekk

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reat addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. Ghalkemm il-kawza principali ilha miexja snin, l-imputat irregistra ammissjoni ta' din l-imputazzjoni fl-ewwel udjenza li huwa seta' jaghmel dan wara l-ordni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Superjuri) u ghalhekk fl-iktar stadju bikri possibbli quddiem din il-Qorti.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni

[1] Dok AP2, Folio 62 ta' l-atti processwali

tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

Ghaldaqstant jista jinghad li l-ammissjoni f'dan ir-rigward, u f'dan l-istadju, saret b'mod bikri, u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn din il-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u kondizzjonijiet.
- L-imputat fil-prezent jinsab jiskonta piena karcerarja.
- Illi jirrizulta li l-imputat kien qed ibati mill-vizzju tad-droga u spicca f'cirku vizzjuz fejn kien qed jirikorri ghall-kriminalita sabiex imantni lilu nnifsu inkluz il-vizzju tieghu. Naturalment, din mhijiex gustifikazzjoni ta' dak li wettaq u l-vittmi m'ghandhomx jghixu f'socjeta imdawrin ma persuni li jmantnu l-vizzji taghhom billi jwettqu reati sabiex jissostanzjaw dan il-vizzju.
- Il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra li ma titrattax ma' l-imputat u minflok testendi l-perjodu ta' l-Ordni tal-Probation ghal-sena u nofs ohra li ghandha tibda tidekorri wara li l-imputat ikun skonta l-piena ta' prigunerija.
- Id-difiza tabbracja ma din is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni li l-Ordni tal-Probation ghandu jigi estiz u jitkompla wara li jiskonta l-imputat jiskonta l-piena karcerarja li ghaddej minnha fil-prezent.

---

[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi filwaqt li l-Qorti ma hija bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena mhix legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan huwa minhabba l-fatt li t-terminu orginali fuq l-ewwel Ordni tal-Probation ilu li skada, u ghalhekk, din il-Qorti kif inhi presjeduta illum ma tistax testendi tali Ordni ta' Probation jew tordna t-tkomplija tieghu.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

- Il-Qorti rat ukoll dak li jipprospetta l-artikolu 23 (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizzjew tkun ġiet kondizzjonalment liberata,* ***<u>il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kifprovdut fl-artikolu 22(1)</u>****.*

- Il-Qorti rat ukoll dak li jghid l-Artikolu 28A(7) (a) u (c) tal-Kodici Kriminali u cioe:

*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin –*

***<u>(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;</u>***

*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*

***(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.***

- Proprju ghalhekk, din il-Qorti ma tistax, gjaladarba taghzel li tittratta dwar ir-reati mertu tas-sentenza tad-9 ta' Gunju 2011, li tinfliggi piena alternattiva ghal dik karcerarja, hlief fil-kaz indikat fl-artikolu 23 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li kjarament mhuwiex applikabbli ghal dan il-kaz.

- Konsegwentement, l-ghazla ta' din il-Qorti hija biss jekk tittrattax jew le u li, f'kaz li taghzel li tittratta, tiddeciedi dwar il-piena li ghandha tigi erogata skond il-ligi.

- Il-Qorti sejra tikkonsidra mhux biss il-fatti kollha hawn fuq spjegati, u mhux biss il-fatt li l-prosekuzzjoni qablet li din il-Qorti ma tinfliggix piena karcerarja, izda wkoll it-trapass konsiderevoli ta' zmien mill-akkadut mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet, u l-fatt ukoll li l-imputat diga' qieghed iservi piena idonea ghall-imputazzjonijiet l-ohra li wasslu ghall-proceduri odjerni.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni ta' Martin Marco Baldacchino issibu ħati tat-tielet imputazzjoni izda, fid-dawl ta' dak kollu li ingħad hawn fuq u bis-setgħa diskrezzjonarja tal-Qorti mogħtija lilha bis-saħħa tal-artikolu 23 (1) (b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tagħżel li ma tittrattax lill-istess Martin Marco Baldacchino għar-reati li dwarhom kienet saret l-Ordni ta' Probation fid-9 ta' Ġunju 2011.

**Mogħtija illum nhar is-6 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**